Konferenza Episkopali Maltija
Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija

# Applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Form 1
# fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex – Marzu 2020

**Fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikulari li għaddejjin minnhom il-gżejjer tagħna, dawn il-proċeduri ġew maħsuba u ntrodotti biex jiffaċilitaw il-proċess ta' applikazzjoni għad-dħul fil-Form 1. Ir- Regolamenti kif stabbiliti u li aċċessibli *online*** https://www.csm.edu.mt/wp-content/uploads/2020/02/Regolamenti-D%C4%A7ul-Form-1-godda.pdf **jibqgħu fis-seħħ, hekk kif dawn il-proċeduri jiddeterminaw biss l-applikazzjonijiet. Filwaqt li l-proċess tal-applikazzjonijiet irid jibqa' għaddej, b'rispett għal kull min hu nvolut, kull kuntatt fiżiku, inkluż li ngħaddu karti bejnietna, għandu jiġi evitat. L-għajnuna u l-koperazzjoni ta' kulħadd hi ferm apprezzata.**

**Skejjel li jeħtieġu xi għajnuna għandhom jikkuntattjaw lis-Sur Stephen Spiteri.**

**Ġenituri / kustodji legali ta' tfal li jattendu skola Primarja tal-Knisja interessati li japplikaw imma li għandhom xi diffikulta', għandhom jirreferu lill-Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Knisja.**

**Ġenituri / kustodji legali ta' tfal li jattendu skola Primarja tal-Istat interessati li japplikaw imma li għandhom xi diffikultà, għandhom jirreferu lill-Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Knisja.**

1. Bil-għan li nħarsu s-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati tagħna, kif ukoll ta' kull applikant, m'huma ser jittieħdu l-ebda applikazzjonijiet fiżiċi fl-iskejjel.

2. Il-kapijiet tal-iskejjel Primarji huma mitluba jikkuntattjaw lill-ġenituri kollha tal-Year 6 permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi wżati mill-iskola biex jgħaddu kopja .pdf tal-applikazzjoni.

3. Kull skola tal-Knisja f'Għawdex għandha ttella' fuq il-mezzi soċjali kopja tal-applikazzjonijiet u tgħin kemm tista' biex tippromwovi dawn l-applikazzjonijiet. Dawn se jkunu wkoll imtella' fuq il- paġni ta' *facebook* tal-*Gozo Church Schools* u tad-Djoċesi, kif ukoll fuq is-sit tas-Segretarjat http://www.csm.edu.mt/admissions-eng

4. L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-familji u ser jittellgħu ukoll online http://www.csm.edu.mt/admissions-eng/ nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu, 2020.

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' Aħwa, Impjegati, etċ. jimtlew mill-ġenituri u jintbgħatu elettronikament mal-applikazzjoni, kif spjegat f' 7(ii). Wara jiġu verifikati mill-iskejjel.

6. Il-ġenituri huma mitluba li jimlew l-applikazzjoni u jibgħatuha permezz ta' *e-mail* fuq dawn l-indirizzi:

   Subien – headmaster@gozoseminary.com;

   Bniet – secretary@bishopsconservatory.edu.mt

7. Il-mili tal-applikazzjoni jista' jsir b'żewġ metodi, skont kif iħossuhom l-aktar komdi l-applikanti:
   i) L-applikazzjoni tista' timtela direttament fuq il-kompjuter u tintbagħat kif mitlub hawn fuq;
   ii) L-applikazzjoni tista' tiġi stampata (*printed),* timtela manwalment, tiġi *scanned* (min m'għandux mezz kif jagħmel *scan*, jista' jieħu ritratt ta' kull paġna tal-applikazzjoni u tintbagħat kif mitlub hawn fuq.

8. Id-dokumenti li jridu jiġu nklużi għandhom ikunu *scanned,* jew jitteħdilhom ritratt kif spjegat aktar il-fuq u mibgħuta mal-applikazzjoni. F'każ ta' dokumenti nieqsa, dawn jistgħu jintbagħatu wara.

9. F'każ ta' applikanti li għandhom *Statement of Needs* jew bl-LSE, kull dokument li jintbagħat irid ikun ukoll *scanned.*

10. L-applikazzjonijiet iridu jaslu lura mimlija fl-indirizzi elettroniċi indikati sal-**Ġimgħa 27 ta' Marzu**.

11. Għal kull min għandu diffikulta' biex jimla l-applikazzjoni u jagħmel sottomissjoni b'mod elettroniku, mit-Tnejn 23 sal-Ġimgħa 27 ta' Marzu, ser ikunu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet minn fuq it-telefon fuq dawn in-numri (kull verifika meħtieġa, inkluż dik ta' identita', ser issir aktar il-quddiem):

    Subien – 21556479/21562670 Bniet – 79560277

12. Pagamenti tal-applikazzjoni jistgħu isiru, jekk possibbli, online. Ċekkijiet jistgħu jintbgħatu f'dan l-indirizz:

    Bniet: Bishop's Conservatory (Secondary) School
    Triq Pietru Pace,
    Victoria VCT2503

    Subien: Sacred Heart Minor Seminary
    Enrico Mizzi Street,
    Victoria VCT 2042

    Fuq wara jinkiteb l-isem u l-kunjom ta' tifel jew tifla. Ma jiġux aċċettati flus biex jiġi evitat kuntatt fiżiku.

13. Għal din is-sena l-polza se tkun qed tinżamm f'data differenti li se tkun qed tiġi deċiża aktar tard. Aktar dettalji dwar dan ser ikun qed jiġi komunikat iktar il-quddiem.

14. Kordinament sħiħ bejn l-iskejjel Primarji u Sekondarji ikun qed jiżgura li t-tfal taħt Kriterji 1-5 kollha applikaw **.**

**Mill-ġdid nirringrazzjaw lil kulħadd tal-koperazzjoni.**